**13 ta' Novembru, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Geoffrey Valenzia B.A., LL.D.**

Silvana mart Raymond Camilleri

*versus*

Alfred Pisani *noe et*

## Klawsola ta' Eżoneru - Nullita` ta' Tali Klawsoli - Interpretazzjoni ta' Kuntratt *as a whole*

*Klawsola ta' eżoneru majkollhiex il-valur li teżonera d-debitur mid-dolo, mill-kolpa gravi ekwiparata għad-dolo u mill-kolpa ljevi li tiġi riskontrata meta jkun hemm ommissjoni ta' dak il-grad normali ta' diliġenza li l-liġi tirrikjedi fl-esekuzjoni ta' kull obbligazzjoni in*

*genere.*

*Fi kliem ieħor, il-klawsola ta' irresponsabbilita` bħal dik in eżami ma teżimix mir-responsabilita' meta jkun hemm vjolazzjoni ta' kuntratt jew ta' dover; u jekk jiġu stipulati espressament biex jeżoneraw middolo u miż-żewġ gradi ta' kolpa fuq riferiti, ikunu nulli, billi kuntrarji għall-prinċipju ġenerali tal-morali, bażi tal-ordni pubbliku.*

*Huwa diffiċli li wieħed jenunċja prinċipju assolut ta' dritt dwar jekk il-klawsoli ta' eżoneru mir-responsabilita` għad-danni għandhomx ikollhom l-effett li jeżoneraw lid-debitur minn dik ir-responsabilita` kollox jiddependi minn ċerti direttivi ta' fatt.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi ppremettiet illi hija kkosenjat lis-Soċjeta` konvenuta l-libsa nuzjali tagħha biex fuqha jsir id-*drycleaning* rikjest;

U premess illi rriżulta illi x-xogħol esegwit mill-konvenuti *nomine* ma sarx b'mod professjonali u li anzi, b'negliġenza jew nuqqas ta' ħila, tant li meta l-attriċi marret biex tieħu konsenja lura tal-libsa tat-tieġ, irriżulta li din kienet biċċiet, imqatta' u fi stat irreparabbli;

U premess illi għad-dannu subit hija responsabbli l-istess soċjeta` konvenuta;

L-attriċi talbet li din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara u tiddeċidi illi x-xogħol ta' tindif u *drycleaning* kondott fuq il-libsa tat-tieġ ta' l-attriċi ma sarx skond l-arti u s-

sengħa u li anzi sar bi traskuraġni, negliġenza u nuqqas ta' ħila għad-dannu ta' l-istess attriċi;

Tillikwida, okkorrendo bl-operat ta' perit *nominandi*, d-danni hekk subiti mill-attriċi fil-libsa tat-tieġ tagħha;

Tikkundanna lill-istess konvenuti *nomine* jħallsu lill-attriċi l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-19 ta' Ottubru, 1992 u ta' l-ittra legali tal-24 ta' Lulju, 1992 kontra l-konvenuti *nomine*;

*Omissis*;

Il-konvenuti eċċepew illi preliminarjament huma ma jirrappreżentawx is-soċjeta' kif imħarrka fiċ-ċitazzjoni u għalhekk jitolbu li għandha jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

Illi fil-meritu u mingħajr preġudizzju għall-fuq premess ix-xogħol ta' *laundry* li dwaru qed tilmenta l-attriċi kien sar fuq il-ftehim espress li dan kien ser ikun a riskju unikament ta' l-istess attriċi;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis*;

**Silvana Camilleri** xehdet li kienet bagħtet il-libsa tat-tieġ u tal-*going away* permezz ta' Joe Vella għad-*drycleaning*. Xi ġimgħat wara ċemplilha l-*manager* tad-ditta u qalilha li billi l-libsa tat-tieġ

kien fiha l-perli u kienet irrakkmata bl-idejn seta' jaqgħu xi perli u jintilef id-disinn. Hi kienet qaltlu li ma jimpurtax jekk hu jiggarantixxi li l-libsa tibqa' intattata bħala materjal. Hu aċċetta li jagħmel ix-xogħol rikjest. Wara xahrejn ċemplet lil Joe Vella biex tara jekk kinitx lesta. Wara dana ċemplilha u qalilha li l-*manager* ried ikellimha. Dan qalilha li l-libsa kienet ħarġet biċċa biċċa. Hi rrifjutat li tieħu l-libsa lura u ħadet biċċtejn minnha biex turiha lil xi esperti. Ħaditha l-*Evans Laboratory* u qalulha li d-drapp kien maħruq. *Il-perli kienu baqgħu imwaħħlin għalkemm tilfu l-kulur,* l-*embroidery* baqa' hemm u fejn id-drapp kien *plain* jiġifieri mhux irrakkmat inħarqet, inxtorbot u ridotta f'biċċiet. F'xi partijiet dehru bħal tbajja' skuri;

Hija ma kienet iffirmat ebda karti. Il-kost tal-materjal u tax-xogħol biex inħadmet il-libsa kien ilaħħaq għal Lm467 tad-drapp u Lm815.20 tal-ħjata; b'kollox Lm1282.20;

**Raymond Camilleri** kkonferma dak li qalet martu, u żied jgħid li meta kellmu lill-*manager* dan kien qalilhom li l-libsa kienet ħarġet *mid-dryer hekk għax dak kien l-uniku mezz kif setgħet tiġi* mnixxfa l-libsa;

**Joe Vella** kkonferma dak li qalet l-attriċi. Qal li kien ta l-libsa lil Rennie Blake u dana qallu li kien preokkupat għax il-libsa kellha xi perli u kif kellha titnaddaf. Hu qallu biex jikkuntattja lill-attriċi. Wara sar jaf li l-libsa kien ġralha xi ħsara. Fl-ebda mument id-ditta konvenuta ma semmietlu *disclaimer* u qatt ma għaddietlu dokument simili. Hu spjega l-proċedura ta' kif kienu jagħmlu biex jaħslu l-ħwejjeġ. Ġieli kellhom każijiet bħal ta' l-attriċi u kienu isettiljawhom;

Qal li meta kien ikun hemm każ ta' materjal delikat huma kienu jkellmu lill-klijent u jgħidulu li x-xogħol isiru at the *owner's risk*. Huma iġiegħluh jiffirma karta f'dan is-sens. Lilu ma tawh ebda karti. Meta jiffirmaw xi karta, kopja minnhom iżżommha l-kumpannija;

**Josephine Busuttil**, il-ħajjata xehdet li l-libsa kienet *pure silk* u kienet ħadet sitt xhur biex lestietha. Il-materjal kien ottimu u x-xogħol fuqha kien irfinut. Ikkonfermat li l-attriċi kienet ħallsitha Lm815.20 kif muri fil-kont;

**Philip Alamango** xehed li l-materjal kien 100% *pure silk*;

**Il-perit tekniku John Sammut** ikkonkluda li:

"Mit-testijiet li għamel:

Il-materjal tal-libsa kien 100% ħarir;

Il-materjal hu ta' kwalita' tajba u huwa reżistenti għall-kundizzjonijiet li normalment jintużaw fil-proċess ta' *drycleaning* għall-ħwejjeġ delikati;

Il-ħsara li saret fil-libsa in kwisjtoni kienet **ikkaġunata minħabba temperatura għolja li setgħet intużat involontarjament waqt id-*drying cycle*;**

Robert Blake xehed li kien ċempel lill-attriċi u qalilha li l-libsa kienet riskjuża u li kienet se ssir a riskju tagħha. Wara ħafna diskors hi aċċettat u spiċċat bil-kliem "M'hemmx x'tagħmel trid issir". Il-libsa kollha in ġenerali kienet riskjuża. Hu ma speċifikax

fuq antaċċjoli. Ma kienx hemm dokumentazzjoni ċjoe` ma kinux tawha karta biex tiffirma għax kien ġabha Joe Vella u qagħdu fuqu. Għamluha għax ħadet ir-riskju l-attriċi; kieku ma kinux se jieħdu riskju għal Lm9 meta hemm ammont daqshekk kbir. *The odds are against you*. Hu qal li l-kwistjoni tal-perli kienet semmietha l-attriċi, u hu kien qalilha li l-libsa kollha in ġenerali kienet riskjuża. Hu qatt ma aċċetta li jagħmilha a riskju tiegħu, lanqas ma aċċetta li *jagħmilha a riskju tiegħu dwar id-drapp* biss;

Il-Qorti ta' l-Appell (Kumm.) fil-kawża **R. Borg** ***noe vs*** **G.M. Cini** *et* deċiża fl-1 ta' Marzu, 1969 segwiet dak li l-Qorti ta' l-Appell fl-Ingilterra qalet fil-kawża **Karsales (Harrow) Ltd.** ***vs*** **Wallis** (1956) 2 All. E.R. 866 fejn Lord Denning kien qal:

"The law about exempting clauses has been much developed in recent years, at any rate about printed exempting clauses which so often pass unread. Notwithstanding earlier cases which might suggest the contrary, it is now settled that exempting clauses of this kind, no matter how widely they are expressed, only avail the party when he is carrying out his contract in its essential respects. He is not allowed to use them to cover for misconduct or indifference or to enable him to turn a blind eye to his obligations. They do not avail him when he is guilty of a breach which goes to the root of the contract. It is necessary to look at the contract apart from the exempting clause and see what the terms are, express or implied, which impose an obligation on the party. If he has been guilty of a breach of those obligations in a respect which goes to the very root of the contract, he cannot rely on the exempting clauses";

Fl-istess sentenza Lord Parker L.J. (kif allura kien) qal:

"... however extensive the exemption clause may be, it has no application if there has been a breach of a fundamental term";

In segwitu saru żviluppi fil-ġurisprudenza Ingliża u *statutes* ara **George Mitchell Ltd.** ***vs*** **Finney Lock Seeds Ltd.** (1982) 3 WLR 1036 fejn *exemption clauses* ġew aċċettati biss meta dawn kienu *fair and reasonable.* Il-valur prattiku ta' din id-duttrina ta' ***fundamental breach of contract*** ġie ridott ħafna meta ġiet introdotta fl-Ingilterra l-*Unfair Contract Terms Act, 1977* s.3 li introduċa bil-liġi t-test tar-*reasonableness* fl-*exemption clauses* (Charlesworth: Mercantile Law; p.43);

Il-portata ta' *exemption clause* hi kwisjtoni li għandha tiġi ddeterminata fuq interpretazzjoni tal-kuntratt *as a whole*;

"Huwa diffiċli li wieħed jenunċja prinċipju assolut ta' dritt dwar jekk il-klawsoli ta' eżoneru mir-responsabilita` għad-danni għandhomx ikollhom effett li jeżoneraw lid-debitur minn dik ir-responsabilita`; kollox jiddependi minn ċerti direttivi ta' fatt". App. **E. Zammit** ***vs*** **E. Petrococchino** 25.2.52;

"Klawsola ta' eżoneru ma kienx ikollha l-valur li teżonera lid-debitur mid-dolo, mill-kolpa gravi, ekwiparata għad-dolo, u mill-kolpa ljevi li tiġi riskontrata meta jkun hemm ommissjoni ta' dak il-grad normali ta' diliġenza li l-liġi (sec. 1132 Kodiċi Ċivili) tirrikjedi fl-esekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni in genere;

Fi kliem ieħor il-klawsola ta' irresponsabilita` bħal dik in eżami ma teżimix mir-responsabilita` meta jkun hemm vjolazzjoni ta' kuntratt jew ta' dover; u jekk jiġu stipulati espressament biex jeżoneraw mid-dolo u miż-żewġ gradi ta' kolpa fuq riferiti, ikunu

nulli, billi kuntrarji għall-prinċipju ġenerali tal-morali, bażi ta' l-ordni pubbliku". Kumm. **Borg *vs* Calascione** 25.5.61;

Fl-Italja l-Kodiċi Ċivili jipprovdi li "E' nullo qualsiasi patto che esclude o limita preventivamente la responabilita' del debitore per dolo o per colpa grave". Artkolu 1229;

Fil-każ in eżami l-attriċi qed tgħid li l-*manager* tad-ditta kien qalilha li billi l-libsa tat-tieġ kien fiha l-perli u kienet irrakkmata bl-idejn setgħu jaqgħu xi perli u jintilef id-disinn. Hi kienet weġbitu li ma kienx jimporta jekk jiggarantixxi li l-libsa tibqa' intatta bħala materjal. Hu aċċetta li jagħmel ix-xogħol rikjest;

Min-naħa l-oħra Blake jiċħad li hu kien speċifika dwar il-perli u d-disinn iżda kien qalilha li l-libsa kienet riskjuża in ġenerali u li kien lest li jagħmilha biss jekk issir a riskju ta' l-attriċi. Hu qal li l-attriċi kienet aċċettat u qaltlu "M'hemmx x'tagħmel trid issir";

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li ma kienx hemm ftehim bil-miktub li bih l-attriċi aċċettat li x-xogħol isir a riskju tagħha. Il-proċedura kienet li jekk il-konvenut jara li hemm riskju kien jibgħat għall-klijent u jinfurmah li x-xogħol se jsir a riskju tiegħu u dana jiffirma karta fejn jaċċetta dina l-kondizzjoni. F'dana l-każ l-attriċi ma ffirmat xejn, id-diskors sar fuq it-telefon (skond l-attriċi, hi aċċettat biss riskju dwar il-perli u *embroidery*) u l-konvenut ma kienx bagħat għaliha biex tiffirma l-karti. Ir-raġuni li ngħatat kienet għaliex kien hemm Joe Vella, l-*ex-manager* involut u qagħdu fuqu. Iżda dana l-fatt ma kienx jeżonera lill-konvenut milli jimxi bil-proċedura tas-soltu, aktar u aktar meta huma kienu kkuntattjaw lill-attriċi direttament;

Barra minn hekk l-attriċi lanqas ingħatat is-*slip* normali, l-irċevuta fejn ikun hemm il-*general conditions* u d-dettalji ta' l-oġġett li daħħal għad-*dry cleaning*;

Il-Qorti tista' tieqaf hawn:

Iżda fit-trattazzjoni l-konvenuti ssottomettew li f'dan l-każ tapplika l-*exemption clause* billi huma għamlu x-xogħol għax l-attriċi assumiet ir-riskju hi. Kieku mhux se jieħdu riskju huma għal Lm9 meta hemm ammont daqshekk kbir. *The odds are against you*;

Dwar dana l-punt il-Qorti tagħmel riferenza għall-konsiderazzjonijiet ta' dritt li għamlet. Il-konvenut ma jistax jeżenta ruħu kontra l-kolpa tiegħu stess. Fil-fatt jirriżulta mir-rapport ta' l-espert tekniku nnominat minn dina l-Qorti li:

"Il-materjal kien ta' kwalita` tajba u reżistenti għall-kundizzjonijiet li normalment jintużaw fil-proċess ta' *dry cleaning* għal ħwejjeġ delikati u l-ħsara li saret fil-libsa in kwistjoni kienet **ikkaġunata minħabba temperatura għolja li setgħet intużat involontarjament waqt id-*drying cycle***;

Jiġifieri li ma kien hemm xejn ħażin fil-libsa ta' l-attriċi. Iżda n-nuqqas kien min-naħa tal-konvenuti;

In vista ta' dana n-nuqqas ta' diliġenza fl-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni minnhom assunta, kif riskontrata mill-espert tekniku, il-konvenuti ma jistgħux jinvokaw il-klawsola ta' eżoneru mir-responsabilita` għad-danni minnhom ikkaġunati;

L-attriċi xehdet li l-kost tal-materjal u tax-xogħol biex

inħadmet il-libsa kien ilaħħaq għal Lm487 tad-drapp u Lm815.20 tal-ħjata: b'kollox Lm1282.20. Ġew esebiti d-dokumenti relattivi u xehdu l-ħajjata J. Busuttil u minn forna d-drapp P. Alamango;

Il-Qorti tirrileva li meta l-attriċi bagħtet il-libsa għad-*dry cleaning* dina kienet użata u għalhekk l-attriċi ma tistax tippretendi ħlas tagħha bħala ġdida inoltre jrid jiġi kkunsidrat id-deprezzament fil-valur tal-libsa u billi hawn si tratta ta' libsa tat-tieġ li normalment tintlibes darba biss u bħala tali ma jkolliex użu ieħor għaliha, il-valur tagħha jaqa' drastikament wara li tintuża għall-iskop li għaliha tkun magħmula. Il-Qorti għalhekk *arbitrio boni viri* qed tagħtiha valur ta' Lm700;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-ewwel talba, tillikwida l-ammont dovut lill-atturi fis-somma ta' Lm700 u tikkundanna lill-istess konvenuti jħallsu lill-attriċi dina s-somma hekk likwidata. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.